**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

**ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 7 TA' DICEMBRU 2001**

Avviz nru: 1023/00DM

Antoine Vassallo f'ismu proprju u esercenti n-negozzju bhala Antoine Auto Dealer

Vs

Leonard u Carmen Callus

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' tmien mija u hamsa u disghin liri Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm 895.51) import ta' (11) hdax il-kambjala anessi mal-avviz u mmarkati minn Dok 1 sa Dok 11, minnhom accettati u ffirmati u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet.

Bl-imghaxijiet ulterjuri u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja ammontanti ghal Lm 5.75 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-llum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa` it-talba attrici u prevja li jigu esebiti l-kambjali originali fl-atti ta' dan l-avviz, qieghda tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil atturi s-somma mitluba ta' tmien mija u hamsa u disghin liri Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm 895.51) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 t'Awissu tas-sena 2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Mag. Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia
Dep/Reg